# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum it-28 t'Ottubru 2021**

Appell numru 142 tal-2021

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Alex VELLA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-3 ta' Mejju 2021 fil-konfront ta' Alex VELLA fejn ġie mixli (in suċċint) talli b'diversi atti magħmulin minnu anke jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda għax-xhur minn Frar 2020 sa April 2020 naqas milli jagħti lil Josephine Vella is-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata f'kuntratt bħala manteniment għal uliedu jew għal martu fi żmien ħmistax il-jum minn dak il-jum li fih skont l-ordni jew il-kuntratt kellha titħallas dik is-somma.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iddikjarat il-proċediment eżawrit wara li rat li fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2021 il-parte ċivile kienet debitament notifikata u naqset milli tidher għall-proċeduri u minkejja l-verbal u t-talba espliċita da parti tal-

Prosekuzzjoni għal differiment tal-udjenza, wara li semgħet ukoll lid-Difiża tiddikjara li l-ammont dovut ġie saldat, qieset li dawn kienu proċeduri sommarji u stante li l-parte ċivile "iddikjarat" li ma għandhiex interess, il-Qorti proċediet biex iddikjarat il-proċediment eżawrit.

3. Illi l-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata u tiddisponi minn dan il-każ skont il-liġi u dan wara li (in suċċint) ippremettiet li dan kien każ fejn ir-reat addebitat lill-imputat appellat kien wieħed li jaqa' fil-parametri tal-artikolu 370(1) tal-Kodiċi Kriminali. In-nuqqas ta' ħlas tal-manteniment kien reat kontra l-ordni pubbliku minn nnifsu u għalhekk il-Pulizija Eżekuttiva setgħet tmexxi l-azzjoni dwar dan ir-reat "ex officio". L-anqas ma kien il-każ fejn il-parte civile rrinunzjat espressament għall-azzjoni fi żmien erbat ijiem minn dakinhar li jkun sar ir-reat. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għalhekk ma setgħetx tgħaddi biex tiddikjara l-proċediment eżawrit iżda kellha tevalwa l-provi li kellha quddiemha u tiddisponi mill-każ skont il-Liġi. Il-fatt li l-appellat setgħa ħallas il-manteniment dovut minnu setgħa jittieħed in konsiderazzjoni għall-fini tal-piena iżda mhux li minħabba f'hekk il-proċediment jiġi ddikjarat eżawrit. Dan ma kienx xi wieħed miċ-ċirkostanzi li jintitolaw lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex tkun tista' tqis proċediment eżawrit. Saħqet ukoll li matul is-seduta tat-3 ta' Mejju 2021 il-Prosekuzzjoni kienet talbet il-ħruġ ta' mandat t'akkumpanjament biex tassigura l-preżenza tal-parte ċivile għas-seduta u dan peress li din kienet xhud ewlenija għall-każ tal-Prosekuzzjoni, iżda l-Qorti proċediet biex tiddetermina l-kawża minkejja li l-Prosekuzzjoni fl-ebda ħin ma ddikjarat li kienet qegħda tagħlaq il-provi tagħha. B'hekk dik il-Qorti bl-ebda mod ma setgħet tiddikjara l-proċediment eżawrit.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet u rat l-atti kollha tal-kawża;

## Ikkunsidrat

5. Illi fis-sustanza l-Avukat Ġenerali għandha raġun. Ir-reat li bih ġie mixli l-appellat huwa dak imnissel mill-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali. Dan huwa wieħed mir-reati kontravvenzjonali kontra l-ordni pubbliku[1]:

[1] Ara l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Carmel Pace** deċiż fit-30 ta' Novembru 2011.

5. L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu li ghal dak li jirrigwarda Jannar 2011 martu kellha l-obbligu legali li l-ewwel titlob il-manteniment u f'kaz li dan ma jithallasx hija tipprocedi kriminalment kontra tieghu. Dan l-aggravju hu manifestament infondat. Bhalma ntqal f'sentenza ohra fil-konfront ta' l-istess appellant fl-20 ta' Mejju 2010 fejn tqajjem l-istess aggravju:

"Kif ripetutament affermat minn din il-Qorti, ir-reat kontemplat fl-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali[1] huwa reat kontra l-ordni pubbliku, u wiehed li l-pulizija jistghu jipprocedu fir-rigward tieghu ex officio u anke minghajr il-kwerela tal-parti leza (ghalkemm bhala fatt, peress li l-koppji li jkunu jinsabu f'din is-sitwazzjoni, ma jkollhomx pulizija erbgha w ghoxrin siegha maghhom, dawn il-proceduri invarjabbilment jibdew bi kwerela tal-parti leza). L-obbligu tal-hlas tal- manteniment johrog direttament mis-sentenza tal- Qorti Civili (jew mill-kuntratt pubbliku, skond il-kaz), u ma hemm assolutament ebda necessita` li min ikun ser jircievi dak il-manteniment joqghod jitolbu jew jigri warajh. L-uniku prerekwizit ghall-procedibbilita` li l-ligi timponi huwa t-trapass ta' hmistax-il jum mid data li fiha l-manteniment kellu jithallas. Xejn aktar. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint."

[1] Bhalma huwa wkoll ir-reat kontemplat fil-paragrafu (ll) tal-imsemmi Artikolu 338.

6. B'hekk dan huwa reat persegwibbli mill-Pulizija **ex officio** fis-sens tal-artikolu 543(d) tal-Kodiċi Kriminali.[2] In kwantu tali l-Pulizija tista' tmexxi l-azzjoni penali mingħajr il-kwerela tal-parti offiża.

7. Il-każijiet fejn Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tista' tiddikjara proċediment estint – aktar mill-eżawrit – huma delinjati mill-Liġi u mill-ġurisprudenza bħala li jġibu l-estinzjoni tal-azzjoni penali:

Dawn huma fejn l-akkuzat ikun miet fil-mori tal-process jew qabel, fejn tigi rtirata l-kwerela - f'dawk il-kazijiet fejn il-procediment ma jkunx jista' jinbeda' jew jitmexxa' minnghajr il-kwerela tal-parti leza; fejn tinghata il-mahfra; fejn l-azzoni tigi dikjarata preskritta u fejn ikun hemm ir-res judicata, **"mors, remissio, indulgentia principis, praescriptio et res judicata"** (Ara : **Prof. Sir. A. Mamo**. "Notes on Criminal Procedure" (1958 edit.) p.29 et. seq.) [3]

8. Il-fatt li imputat f'każijiet analogi jeffettwa l-pagamenti dovuti minnu wara li jkun għadda t-terminu stabbilit bl-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali ma jeżimiħx mir-responsabbilta' penali, għalkemm Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tista' tieħu dak l-iżvilupp tardiv - daqskemm pożittiv – meta tiġi sabiex tikkalibra l-piena li għandha tinfliġġi minħabba r-responsabbilta' penali:[4]

---

[2] Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin :
(d) l-każ ta' kull reat li jinteressa l-ordni pubbliku jew il-komunità in ġenerali;
[3] Ara l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Keith Camilleri** deċiż nhar it-22 ta' Frar 2007.
[4] Ara l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Karl Bonello** deċiża nhar il-21 ta' Novembru 2005. Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Jesmond Vella** deċiża fil-25 ta' Marzu 2015.

> Illi kif gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti (Ara. "Il-Pulizija vs. Publius Said" [9.7.2003] u ohrajn) l-ghan ewlieni tal-legislatur meta introduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. F'dan il-kaz dan il-ghan issa ntlahaq bil-pagament tal-ammont sostanzjali fuq imsemmi w ghalhekk din il- Qorti thoss li in vista ta' dan l-izvilupp tant pozittiv u li intlahaq biss fl-istadju tal-appell, hemm lok ghal temperament fil-piena.

9. F'dan il-każ ma kienx possibbli għall-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li tiddikjara l-proċediment eżawrit jew estint minħabba li l-parte civile tħalset u talbet li l-akkużi jiġu rtirati!

10. L-anqas ma setgħet tiddikjara l-proċediment eżawrit, ossija estint, sempliċiment minħabba l-fatt li dawn kienu proċeduri sommarji. Dan ma kienx proċediment li jista' jintitola lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) tipproċedi kif għamlet. Tabilħaqq, hemm diversi riferenzi fil-Kodiċi Kriminali fejn dawk il-kawżi li jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), b'mod partikolari fil-kompetenza oriġinali tagħha fit-termini tal-artikolu 370(1) tal-Kodiċi Kriminali, jiġu riferiti bħala proċeduri jew proċedimenti sommarji; u dan ukoll sabiex jiġi wkoll distinti mill-proċedimenti solenni quddiem il-Qorti Kriminali.[5] F'dawn il-proċedimenti sommarji il-Qrati tal-Maġistrati bħala Qrati ta' Ġudikatura Kriminali għandhom, kemm jista' jkun, jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi fdati lilhom fl-istess jum.

11. F'dan il-każ l-artikoli applikabbli kienu l-artikoli 375 u 377 tal-Kodiċi Kriminali. Huwa veru li dawn l-artikoli jagħtu biżżejjed indikazzjonijiet biex wieħed raġonevolment jifhem li l-ispirtu tal-Liġi hija dik li dawn il-kawżi – in kwantu sommarji - jiġu mismugħa, trattati u deċiżi fl-istess jum. Din l-interpretazzjoni hija wkoll imsaħħa bil-posizzjoni ġurisprudenzjali konsolidata fejn ġie deċiż li l-Qrati ta' Kriminali Ġudikatura għandhom jirregolaw u jikkontrollaw rigorożament id-differiment fi proċedimenti kriminali.[6] Inoltre dawn id-differimenti jingħataw biss meta jkun hemm raġuni valida u mhux għalxejn. Dan ġie mistqarr ukoll fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Margaret Urry** tas-17 t'April 2001 fejn ingħad ukoll is-segwenti :

> Hu appena necessarju jinghad li differimenti bla raguni valida, specjalment f'kawzi sommarji, minbarra li jaghmlu hsara ghax il-provi ma jibqghux friski f'mohh ix-xhieda, jiffrustraw lil, u joholqu inkonvenjent ingust ghal, dawk ix-xhieda li ripetutament jigu mharrka ghalxejn.

[5] Ara wkoll f'dan is-sens obiter fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Diego Grixti** tal-1 ta' Diċembru 2008.

[6] **Il-Pulizija vs. Mario Gauci** mogħtija fid-9 ta' Marzu 1992.

12. Biss il-ġurisprudenza tifhem ukoll li għalkemm din hija l-posizzjoni li għandha tiġi segwita bħala regola, ma jfissirx li, biex issir Ġustizzja, ma jistax ikun hemm xi eċċezzjonijiet. Iżda eċċezzjoni trid tibqa' eċċezzjoni ma tiġix bil-prassi mibdula fir-regola!

13. Hekk per eżempju, jekk wieħed jieħu l-każijiet fejn :
(i) il-proċediment ikun sommarju u
(ii) mmexxi *ex officio* mill-Pulizija Eżekuttiva,[7]

u x-xhud ikun ġie notifikat bit-taħrika tax-xhieda u minkejja dan huwa ma jidherx biex jixhed fid-data u l-ħin ta' meta tkun ġiet appuntata s-seduta, il-ġurisprudenza **ma tridx** li l-Qorti tal-Maġistrati tagħżel tieħu t-triq il-qasira u tqis li n-nuqqas ta' dehra tax-xhud – anke jekk dan ikun xhud interessat – bħala nuqqas t'interess fil-proċeduri u b'hekk tillibera lill-imputat fuq talba tad-Difiża għall-liberazzjoni tiegħu minħabba li dan ix-xhud jibqa' ma deherx. Din mhix il-posizzjoni korretta fil-każ ta' proċediment sommarju mmexxi ex officio mill-Pulizija Eżekuttiva. Dan jirriżulta b'mod ċar minn dak deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-appell kriminali **Margaret Urry** aktar il-fuq imsemmi fejn ingħad hekk:

> 1) Din il-kawza kienet giet istitwita bhala kawza tal-Pulizija u mhux bhala kawza privata – kif jidher car mill-komparixxi – u kienet ukoll giet prosegwita mill-Pulizija ex officio u mhux mill-parti offiza, kif jirrisulta mill-occhio ta' kull verbal u anke tas-sentenza ("Il-Pulizija v. Margaret Urry" u mhux "Veronica Caruana v. Margaret Urry"). Konsegwentement kienu applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 375 tal-Kodici Kriminali u mhux dawk ta' l-Artikolu 374.
>
> (2) Il-partijiet f'din il-kawza kienu l-Pulizija Ezekuttiva u l-imputata Urry. Kellha kemm kellha interess Veronica Caruana, hija kienet semplicement xhud tal-prosekuzzjoni, f'dan il-kaz tal-Pulizija Ezekuttiva. Kif din il-Qorti kellha okkazzajoni tfisser fis-sentenza taghha tat-8 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Pierre Schembri, "…meta xhud, debitament notifikat biex jidher quddiem l-ewwel qorti, jonqos milli hekk jidher, dik il-qorti ma tistax tibqa' ghaddejja qisu ma gara xejn. Bhala minimu dik il-qorti ghandha tikkundanna lix-xhud ghal ammenda u, kemm-il darba l-prosekuzzjoni (pulizija ezekuttiva jew parti offiza ossia kwerelant, skond il-kaz) ma tirrinunzjax espressament ghal dak ix-xhud jew kemm-il darba l-qorti ma tkunx tal-fehma li xhud mhux indispensabbli biex isahhah l-akkuza, il-qorti ghandha wkoll tordna li dak ix-xhud jingieb b'mandat ta' akkumpanjament jew b'mandat ta' arrest (Art. 441(4) u 525(1)(a) tal-Kap. 9). Dan necessarjament jimplika li l-qorti ghandha tiddifferixxi l-kawza. Altrimenti l-kawzi, u l-ezitu taghhom, jigi jiddependi fuq jekk xhud ifettillux jobdi tahrika jew le! Anqas ma hu argument validu dak li jigi spiss ventilat quddiem il-

[7] Allura l-istragrande maġġoranza tal-każijiet kollha li jiġu prosegwiti quddiem il-Qrati tal-Maġistrati.

> Qrati Inferjuri u cioe` li x-xhud kellu interess li jidher u li allura, la ma deherx, il-qorti ghandha tibqa' ghaddejja u, kif spiss jigri u kif gara f'dan ilkaz, tillibera. L-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet – ilprosekuzzjoni (Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kazijiet kontemplati fl-Art. 373, loffiz/kwerelant) u l-imputat. Ghandu kemm ghandu interess xhud fl-ezitu ta' kawza, ma jistax impunement, u hlief fil-kazijiet kontemplati mill-ligi, jippriva lill-parti li tkun harrkitu mid-deposizzjoni tieghu…"

14. Kien hekk ukoll li dik il-Qorti fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Peter Sammut sive Peter Ferdinans** tat-23 ta' Settembru 2002 kienet iddeċidiet li :

> Il-fatt li xhud ma jidhirx ghal udjenza partikolari ma jfissirx li huwa prekluz milli jixhed f'udjenza ohra, u dan anke f'kawzi sommarji. Ma hemm xejn fil-ligi u fil-gurisprudenza li b'xi mod jissuffraga tali proposizzjoni. Jekk xhud, debitament notifikat, ma jidhirx u l-parti li tkun talbitu ma tirrinunzjax ghalih (u f'dan il-kaz ma jirrizultax li l-prosekuzzjoni f'xi stadju rrinunzjat ghall-Ispettur Cordina), il-qorti ghandha tghaddi biex tipprovdi skond il-ligi kontra dak ix-xhud u tiddifferixxi sabiex huwa jinstema' f'udjenza ohra.

15. Iġifieri anke l-ġurisprudenza tammetti sitwazzjonijiet fejn fi proċedimenti sommarji jistgħu jingħataw differimenti – iżda biss jekk dawn ikunu meħtieġa sabiex isir twettieq rett tad-dettami tal-Liġi u tal-Ġustizzja. Il-Prosekuzzjoni f'dak il-każ tkun wetqet l-obbligi tagħha, inter alia billi tara li xhud ikun debitament notifikat għas-seduta fi żmien utli u li għalhekk ma tkunx naqset mill-obbligi tagħha. Ladarba l-Prosekuzzjoni tkun wetqet l-obbligi tagħha, ikun jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li ma tippremjax lix-xhud li ma jkunx deher (mingħajr raġuni valida fid-Dritt), jekk mhux ukoll lil dak l-imputat li forsi ma jkunx jaqbillu li dak ix-xhud debitament imħarrek u li jkun għalhekk li jkun talab il-liberatorja, billi jew tiddikjara l-proċediment eżawrit jew inkella tillibera lill-imputat minħabba n-nuqqas ta' dehra u deposizzjoni ta' tali xhud.

16. F'dan il-każ ikun hemm lok għalbiex il-Qorti tal-Maġistrati - wara li l-Prosekuzzjoni tkun ivverbalizzat li tkun teħtieġ lil dak ix-xhud partikolari biex isaħħaħ il-każ tal-Prosekuzzjoni ossija li x-xhud ikun indispensabbli għall-każ tal-Prosekuzzjoni - tilqa' talba għal differiment minn naħa tal-Prosekuzzjoni sabiex dan ix-xhud ikun jista' jinġieb b'mandat ta' akkumpanjament jew b'mandat ta' arrest. Naturalment jekk il-Prosekuzzjoni (jew il-parte civile skont il-każ) tirrinunzja espressament għal dak ix-xhud jew kemm-il darba l-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx tal-fehma li x-xhud ma jkunx indispensabbli biex isaħħaħ l-imputazzjoni, u jekk l-interessi tal-ekonomija u l-ispeditezza tal-Ġudizzju jkunu hekk jippermettu, allura imbagħad il-

Qorti tkun tista' tiddeċiedi mod ieħor. Iżda din l-aħħar opzjoni tibqa' dejjem l-eċċezzjoni u mhux ir-regola.

17. Illi f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni għamlet dak kollu li kien mistenni minna. Hija nnotifikat lix-xhud parte civile kif jidher minn fol 4 kif ukoll iddikjarat li din kienet xhud ewlieni għall-każ tal-Prosekuzzjoni. Apparti minn hekk fid-dawl ta' dan il-Prosekuzzjoni talbet għal differiment tal-udjenza b'talba biex ix-xhud parte civile tinġieb okkorrendo b'mandat t'akkumpanjament. Aktar minn hekk il-Prosekuzzjoni ma setgħetx tagħmel.

18. Din il-Qorti tista' tifhem il-ħsieb tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li tkun żbrigattiva f'dawn il-każijiet u li ma toqgħodx taħli l-ħin prezzjuż tagħha fuq każijiet li jkunu jidhru riżolti. Tifhem ukoll li l-imputat għandu interess li kawża li tkun miftuħa kontra tiegħu tiġi deċiża kemm jista' jkun malajr. Din il-Qorti tifhem ukoll li l-parte civile kienet ukoll notifikata u li kienet obbligata li tidher quddiem il-Qorti, minkejja li l-parte civile setgħet iddikjarat li l-pretensjoni tagħha kienet ġiet saldata. Hemm limiti imposti mill-Liġi u mill-ġurisprudenza fuq kemm Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tista' tkun prattika – aktar u aktar meta l-Prosekuzzjoni setgħa kellha r-raġunijiet tagħha għaliex tinsisti, f'każ partikolari, biex il-parte civile titla l-Qorti u okkorrendo tixhed.

19. Kif intqal aktar il-fuq dan ir-reat, għalkemm l-azzjoni titnissel minħabba n-nuqqas ta' ħlas tal-manteniment fi żmien ħmistax il-jum minn meta dovut jitħallas, dan ir-reat huwa meqjus reat kontra l-ordni pubbliku in kwantu intrinsiku fih hemm sottointiż l-element ta' sfida lejn ordni li tkun ġiet imposta fuq il-kontravventur mill-Qorti u liema ordni ma tkunx ġiet obduta u skrupolożament osservata.

20. Jiġifieri l-element tal-ħlas tal-manteniment jew arretrati jew bilanċ dovut lil parte civile f'dan il-każ ma jwassalx għal estinzjoni tal-azzjoni kriminali. L-aktar li jista' jwassal huwa għal possibilita esklussivament diskrezjonarja da parti tal-Qorti li tikkonsidra xi forma ta' temperament fil-piena jekk ikun il-każ kif spjegat aktar il-fuq.

21. Daqskemm ma twassalx għall-estinzjoni tal-azzjoni kriminali kwalunkwe dikjarazzjoni ta' maħfra jew ir-rinunzja tal-azzjoni penali da parti tal-parte civile. F'dawn il-każijiet tali maħfra jew rinunzja huma inkonsegwenzjali stante li l-azzjoni penali f'dawn il-każijiet ma tiddependix fuq ir-rieda jew il-kwerela tal-parte civile. Ladarba l-

parte civile kienet ħerqana li tikkwerela lill-imputat bir-reat proċedibbli ex officio, trid tkun ukoll daqstant ieħor ħerqana li ssegwi l-iter proċedurali.

## Decide

Konsegwentement, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u tħassar is-sentenza appellata u sabiex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-**doppio esame**, qed tordna lir-Reġistratur biex tirrinvija l-proċess lura lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex il-każ jerġa' jinstema' u jiġi deċiż mill-ġdid skond il-liġi.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**